MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 259/2011

**Appell Nru: 259/2011**
**Il-Pulizija**
**[Spettur Carmelo Magri]**
**Vs**
**Joseph Borg**

Illum 29 ta' Mejju, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellat Joseph Borg, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
Matul ix-xahar ta' April 2003 u fix-xhur ta' qabel dan iz-zmien, fil-Mosta, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu mal-Kunsill Lokali tal-Mosta, talab, ircieva, jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f' utli iehor, jew xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd bl-iskop sabiex jonqos li jaghmel dak li huwa fid-dmir tieghu li jaghmel.
Fl-istess dati u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat f' amministrazzjoni pubblika, jew impjegat tal-Gvern jew

mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhal salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-Ligi ma tippermettix jew izjed minn dak li tippermetti l-Ligi, jew qabel z-zmien li jmiss skond il-Ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Mejju, 2011 fejn il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess akkuzi

Rat ir-rikors tal-appell tal- Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Gunju, 2011 li bih talab lil din l-Onorabbli Qorti :

(a) Thassar u tirrevoka is-sentenza u

(b) Minflok issib lill-appellat hat ital-akkuza kif dedotta kontra tieghu u

(c) Tinfliggi l-piena kontra teighu skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali illi huma is-segwenti :

Illi l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghaddiet ghad-decizjoni taghha bhala rizultat ta' apprezzament zbaljat tal-provi li tressqu quddiemha u dan peress li mill-provi prodotti, dik l-istess Qorit ma setghatx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li ghalha waslet, stante li gie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-appellat kien wettaq ir-reati imputati lilu. Illi ghaldaqstant l-esponent qed jinterporni dan l-umli appell, inter alia ai termini tal-Artikolu 413(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-esponenti jidhirlu li f' dan il-kaz, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha sal-grad mehtieg mill-ligi ghar-ragunijiet segwenti :

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat bir-reati kontemplati fl-artikoli 115(b) u 112 tal-Kodici Kriminali.

I. L-Artikolu 115

Illi l-esponent itenni li fil-kaz in dizamina, l-element tar-reat kontemplat fl-artikolu 115 tal-Kap 9 gew pruvati mill-prosekuzjoni. Illi skond l-insenjament tal-Professur Sir

Anthony Mamo, l-elementi tar-reat kontemplat fl-artikolu 115 huma s-segwenti :

‘(a) The public character of the offender;

(b) The acceptance of a reward or promise or offer of a reward not due according to law;

(c) In connection with his office;

(d) The Purpose to do or to fail in his duty.’

(a) Ili ghandu jkun pacifiku li l-imputat huwa ufficjal pubbliku fit-termini tal-Artikolu 92 tal-Kapitolu 9.

(b) Illi mix-xhieda ta’ Joseph Cassar u Paul Cutajar, li kienu t-tnejn member tal-Koperattiva tal-Indafa Pubblika, fiz-zmien in dizamina, jirrizulta li huwam kienu ghaddew xi flus lill-imputata u li dawn il-flus gew accettati mill-istess.

Illi Joseph Cassar fix-xhieda teighu a fol 31 jghid illi: ‘Kien hemm zmien fejn kienet waslet il-festa ta’ Santa Marija u konna ltqajna l-kumitat u gbarna xi haga biex naghtuha lill-imputata… Jidhirli li konna tajnieh madwar hamsin (50) lira Maltin’.

Illi Paul Cutajar fix-xhieda tieghu a fol 66 jghid li lill-imputat ‘Konna taghjnih donation fil-festa. Kienet qisa gejja l-habta tal-festa tal-Milied’ Dwar l-ammont jghid li qisu xi bejn xi hamsin (50) hekk kienu, xi hamsin (50) Lira Maltin.’

Illi l-Professur Mamo jirritjeni li ‘It is essential that the corruption should take the form of this acceptance of gifts or rewards or the promise or offer of gifts or rewards whatever their kind an whatever their value provided they represent some advantage to the grantee or promise. The law speaks of ‘remuneration’ or other advantage.’

Illi fil-kaz in dizamina japplika dan l-insejnament u dan ghaliex mix-xhieda hawn fuq citati, jirrizulta b’mod inekwivoku li l-ammont ta’ flus ghadda minghand l-membri tal-Koperattiva ghal ghand l-imputat fil-vesti tieghu ta’ ufficjal pubbliku, liema ufficjal pubbliku accetta dawn il-flus.

Illi kif osservat il-Qorti tal-Magistrati, verament hemm diskrepanza bejn dak li qal Joseph Cassar fix-xhieda tieghu u dak li qal Paul Cassar fix-xhieda tieghu, in kwantu Cassar isemmi li Lm 50 inghataw lill-imputat f’guranta qrib il-festa ta’ Santa Marija filwaqt li Cutajar isemmi li l-flus inghataw ghal habta tal-festa tal-Milied. Illi madanakollu jigi rilevat illi primarjament, il-ligi ma

tirrikjedix li ghandu jkun hemm accettazzjoni ta’ flus f’aktar minn okkazzjoni wahda u fit-tieni lok dak li huwa important fil-fehma tal-esponent huwa dak li fejn jenhtieg li ssir il-prova tal-elementi tar-reat, ossia f’dan il-kaz, li kien hemm accettazzjoni ta’ flus, ix-xhieda kkoroboraw lil xulxin.

(c) Illi fir-rigward taz-zewg elementi l-ohra tar-reat ossia, dak li l-accettazzjoni tal-flus inghataw ‘in connection with his offica’ u li dawn inghataw bl-ghan ‘to do or to fail in his duty’, dawn jirrizultaw b’mod ampju wkoll mix-xheida ta’ Paul Cutajar u ta’ Joseph Cassar. Joseph Cassar fix-xhieda tieghu a fol 31 jghid illi:

‘Ahna l-flus lill-imputat taghjnihomlu biex jaghlaq naqara ghajnejh ghaliex kien qabad maghna zzejjed.’

U jzid jghid:

‘Huwa riedna naghtuh il-flus fix-xahar sabiex ma johrogx iktar default notices, sabiex ikompli jaghlaq ghajnejh’.

Fir-rigward tar-raguni ghaliex inghataw dawn il-flus, Paul Cutajar, fix-xhieda tieghu a fol 66 jghid li ‘Kien gej qisu l-Milied u ghidna forsi ma jigux defaults aktar, ghax intlejna bid-defaults.’

Illi skond l-insenjament tal-Professur Mamo, ‘the act in respect of whoch the reward etc. is accepted mus fall within the functions of the public officer concerned.’ Illi mill-provi jirrizulta ampjamen tu ghandu jkun pacifiku li l-imputat kien impjegat mal-Kunsill tal-Mosta fiz-zmien in dizamina, u kif johrog mill-istqarrija tal-istess imputat ‘Bhala impjegat mal-Kunsill jien responsabbli mill-indafa u gbir tal-iskart fil-Mosta u fil-Bidnija lid an ix-xoghol kien isir mill-KIP.’ (fol 16)

Illi l-esponent huwa tal-fehma li huwa ferm verosimili li l-fatti sehhew hekk anki ghaliex fl-ahhar mill-ahhar, mill-atti processwali (Dok MX1) jirrizulta li vera inhargu ammont kbir ta’ default notices, ossia 279 default noticies, f’perjodu qasir ta’ zmien.

Illi in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, hawn suesposti, l-esponent huwa tal-fehma li l-Qorti tal-Magistrati ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi meta rriteniet li ‘kien hemm kunflitt bejn dak li qalu Cassar u Cutajar’. Illi dan qieghed jinghad ghas-segwenti ragunijiet:

(i) Iz-zewg xheida qablu li kien hemm okkazzjoni fejn l-imputat inghata l-flus u li l-imputat accetta dawn il-flus.

(ii) It-tnejn qablu li dawn il-flus inghataw minhabba l-kariga tal-imputat;
(iii) It-tnejn qablu li dawn il-flus inghataw sabiex l-imputat jonqos li jaghmel dak li huwa fid-dmir tieghu li jaghmel.
Illi ghaldaqstant fejn jenhtieg li ssir il-prova tal-elementi tar-reat, ix-xhieda kkorroboraw lil xulxin.
II. L-Artikolu 112
Illi skond l-insenjament tal-Professur Mamo, l-elementi tar-reat kontemplat fl-artikolu 112 huma tlieta, ossia (a) ‘The public character of the offender’, (b) ‘The unlawful exaction’, (c) ‘The colour of office’.
Illi l-esponent huwa tal-umli fehma li mill-provi saret referenza ghalihom aktar il-fuq, kif ukoll mix-xhieda ta’ Joseph Cassar li jghid a fol 31 ‘U imbgahd l-imputat talabna biex jinghata paga fix-xahar.. Malli ahna ghidna lill-imputat li ma stajniex naghtuh paga fix-xahar, bdejna nircievu hafna default notices, ammontanti ghal elf u erba` mitt lira (1400)… Huwa riedna naghtuh il-flus fix-xahar sabiex ma johrogx aktar default notices, sabiex ikompli jaghalaq ghajnejh’, l-elementi ta’ dawn ir-reati ukoll gew pruvati mill-prosekuzzjoni u dank if ser jintwer fit-trattazzjoni ta’ dan il-kaz.
Illi f’dan ir-rigward, il-Professur Mamo jirritjeni li ‘The crime is completend and not merely attempted – according to the best accepted authorities – byt the mere ‘exaction’ even though the victim may not have in fact paid or even promised to pay what it was sought unlawfully to exact from him. The mere demand by the public officer or servant, provided it is serious and calculated potentially to achieve the intent, is sufficient to complete the crime.’
III. Komplicita
Illi l-esponent in oltre jirrileva li huwa jaqbel mal-Qorti tal-Magistrati li Paul Cutajar u Joseph Cassar kienu komplici fir-reati li taghhom l-imputat qed jigi akkuzat, u li fil-fatt l-ufficjal prosekutur stenna li jigu konkluzi l-proceduri fil-konfront taghhom qabel ma ntavola l-proceduri odjerni. Madanakollu, l-esponenti ma jaqbilx mal-Qorti tal-Magistrati fejn l-istess b’applikazzjoni tal-artikolu 693(3) tal-Kap 9 irriteniet illi ‘L-Qorti jidhrilha li fil-kaz odjern ix-xhieda ta’ Paul Cutajar u Joseph Cassar inkwantu xhieda ta’ komplici u in kwantu mhux korroborati minn ebda

xhieda ohra, anzi kif diga intqar aktar il fuq ix-xhieda taghhom giet kontradetta minn John Micallef, ma tistghax tittiehed in konsiderazzjoni ghal finijiet ta’ sejbien ta’ htija…’ Illi hija l-fehma tal-esponent li d-disposizzjoni citata mill-Qorti ossia l-Artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9 ma huwiex applikabbli ghall-kaz odjern u dan ghaliex primarjament l-Artikolu 639(3) huwa ghall-kaz odjern u dan ghaliex primarjament l-artikolu 639(3) huwa applikabbli biss ghall-fini ta’ kawtela u mhux ta’ korroborazzjoni, u fit-tieni lok dan l-artikolu huwa applikabbli biss fejn ikun hemm xhud wiehed biss li huwa komplici li mhuwiex il-kaz, ghaliex f’dan il-kaz ghandna zewg xhieda.
Bid-dovut rispett, in bazi ghall-provi migbura a karigu ta’ l-imputat Joseph Borg u ghal dawn ir-ragunijiet hawn fuq imsemmija, fl-umli fehma tal-esponent l-imputat Borg kellu jigi misjub hati tal-akkuzi proferiti lilu.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi ghal habta ta’ Mejju u Gunju tal-elfejn u tlieta (2003) Joseph Cassar, Tony Zammit u Paul Cutajar bhala membri tal-Ko-operattiva tal-Indafa Pubblika kienu marru jkellmu lil Joseph Demartino bhala sindku tal-kunsill lokali tal-Mosta dwar allegata korruzzjoni maghmula mill-membri tal-Ko-operattiva Indafa Pubblika fejn gie allegat illi l-imputat Joseph Borg bhala l-persuna li suppost jissorvelja lin-nies tal-ko-operattiva rcieva xi flus sabiex jaghlaq ghajnejh dwar xi irregolaritajiet li kienu qieghdin isiru mill-istess ko-operattiva. Fil-fatt ilmentaw illi kienu qieghdin jircievu hafna default notices u qalu illi dawn kienu qed jinhargu mill-appellat li kien imputat mal-kunsill lokali tal-Mosta sabiex jissorvelja u jirrapporta dwar ix-xoghlijiet maghmula mid-diversi kuntratturi illi kellhom kuntratt ta’ xoghlijiet mal-kunsill. Allegaw ukoll illi meta waqfu jghaddulu dawn il-flus l-appellat beda johrog dawn id-default notices fil-konfront taghhom.

Joseph Demartino irrapportaw dawn l-allegazzjonijiet kemm lill-Ministru koncernat kif ukoll lid-direttorat tal-kunsill lokali u sussegwentement il-kaz gie rappurtat lill-pulizija li komplew bl-investigazzjonijiet min-naha taghhom. L-appellat tressaq il-Qorti sabiex iwiegeb ghal

akkuzi in konnessjoni ma' dan il-kaz. Izda b'sentenza tal-ghoxrin (20) ta' Mejju tal-elfejn u hdax (2011) il-Qorti tal-Magistrati ma sabitx lill-appellat hati ta' dawn l-akkuzi u illiberatu minnhom.

l-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell.

Ikkunsidrat:

L-aggravju principali tal-Avukat Generali huwa illi fil-fehma tieghu l-Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi meta rriteniet "kien hemm konflitt bejn dak li qalu Cassar u Cutajar." U ghaddiet biex taghmel elenku tal-elementi tar-reat fl-isfond tal-artikolu 112 tal-Kodici Kriminali, fl-isfond ukoll ta' dak li ntqal l-artikolu 115 tal-istess Kodici. Din il-Qorti m'ghandhiex ticcensura ghal dak illi jirrigwarda l-aspett legali tal-Avukat Generali. Però l-punt kardinali hu li l-ewwel Qorti deherilha illi dawn iz-zewg xhieda ma kellhomx ikunu kredibbli. Dana il ghaliex kien hemm konflitt serju fix-xhieda taghhom mhux biss bejn xulxin izda ukoll bejn dak illi qal il-membru tal-kumitat l-iehor Tony Zammit. Tant hu hekk illi fil-korp tas-sentenza (fol 154) il-Qorti qalet, "Il-Qorti tghid minghajr l-ebda tlaqliq li ghandha dubbji serji dwar il-kredibiltà ta' dawn iz-zewg xhieda u dan jinghad mhux biss ghaliex hemm konflitt bejn dak illi jghidu huma u c-cahda kategorika da parti tal-imputat ghal dak allegat mill-imsemmija zewg xhieda izda anke il ghaliex hemm kunflitt bejn dak illi qal Cassar min-naha wahda u dak illi qal Cutajar min-naha l-ohra. U inoltre ghaliex mix-xhieda ta' John Micallef, li kien il-manager tal-KIP, irrizulta l-oppost ta' dak illi qalu Cassar u Cutajar."

La l-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni allura bilfors kellha tasal biex tillibera lill-appellat il ghaliex il-Prosekuzzjoni ibbazat it-tezi taghha proprju fuq ix-xhieda ta' Cassar u Cutajar.

Aktar rilevanti però huwa illi Cassar u Cutajar jghidu illi meta huma taw xi flus lill-appellat, Tony Zammit kien maghhom. dan tal-ahhar, però, jichad illi qatt ghaddew xi

flus quddiemu favur l-appellat ghad illi huwa sema’ xi diskors f’dan is-sens.

Min-naha l-ohra John Micallef, il-manager tal-KIP, jichad b’mod kategoriku illi qatt inghataw xi flus da parti tal-KIP lill-imputat u jippreciza illi hu dejjem kien jaf lill-imputat bhala bniedem tal-affari tieghu u jirrapporta n-nuqqasijiet illi kien jiskontra. Kien ghalhekk illi l-ewwel Qorti dehrilha illi kellha tinjora x-xhieda ta’ Cassar u Cutajar. Anzi waslet ghall-konkluzjoni illi huwa ferm probabbli illi dawn ix-xhieda ghamlu dawn l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-appellat proprju il ghaliex huwa kien qed jaghmel xoghlu u jirrapporta n-nuqqasijiet taghhom u sabiex jippruvaw inehhuh min-nofs sabiex jevitaw illi jhallsu d-default notices.

l-Avukat Generali dahal ukoll fil-kwistjoni tal-komplicità u l-kawtela spjegata fl-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali fejn argumenta illi dan ma japplikax ghall-kaz odjern ghax hawnhekk m’ghandniex xhud wiehed biss izda aktar minn persuna wahda. Izda l-Qorti ghal ragunijiet taghha li spjegat tant tajjeb ma emmnitx dawn iz-zewg xhieda. U din il-Qorti ma tarax illi jezistu ragunijiet bizzejjed sabiex tiddisturba din id-deskrizzjoni tal-ewwel Qorti. Dan il ghaliex hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet apprezzament tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti u tasal ghall-konkluzjoni illi abbazi ta’ dawn il-provi setghet ragjonevolement tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------